## Il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali

## IL-PULIZIJA (SPETTUR CHRISTOPHER FORMOSA, SPETTUR RACHEL AQUILINA) V. KURT DAVID AZZOPARDI (KI. 102901L)

## MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**07/11/2023**

IL-QORTI,

Rat l-imputazzjonijiet segwenti li nħarġu kontra l-imputat Kurt David Azzopardi:

**Lill- Kurt David Azzopardi** **Bin** **u Josette nee Azzopardi . Imwieled. Pieta.23/02/2001**
**ID. 102901L** **Toqghod ; 208 `Raymanda`Flt.7, Triq L-Imdina, Qormi.**

**BILLI int** akkuzat talli fit-8 ta`Dicembru 2021 ghall habta tal-11.00Hrs fi Sqaq Cordina, Bormla u f`toroq ohra fl-istess lokalita, waqt li kont qed issuq vettura Nru.HBN651

(1). Soqt vettura l-imsemmija vettura Nru.HBN651 minghajr ma kellek licenzja tas-sewqan.

(2). Soqt vettura l-imsemmija vettura meta kellek il licenzja tas-sewqan sospiza u meta kont hekk skwalifikat milli ssuq vettura bil-mutur b`sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) datata 28/09/2021 mill-Magt.Dr.V.Axiak LL.D.

(3). Kif ukoll int sirt recidiv b`diversi sentenzi moghtija lilek mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) datati 28/09/2021u fit-12/10/2021 mill-Magt.Dr.V.Axiak LL.D liema sentenzi saru deffinittivi u ma jistghux jigi mhassra.

Semgħet u rat ix-xhieda miġjuba quddiemha u ċioe ix-xhieda ta’ PS 2041 E. Cassar (*affidavit*), Stephen Cachia in rappreżentanza ta’ Transport Malta (*affidavit*), Kenneth Pace in rappreżentanza ta’ Transport Malta (*affidavit*) u Yesenia Maria Pace.

Semgħet it-trattazzjoni finali.

Rat l-atti proċesswali.

Qed tagħti din is-

**Sentenza**

1. Jirriżulta mill-*affidavit* ta' **PS 2041 E. Cassar** illi fid-data, ħin u lok in kwistjoni l-imputat twaqqaf minnu waqt li kien qed isuq il-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni HBN 651. Mix-xhieda ta' **Kenneth Pace** in rappreżentanza ta' Transport Malta imbagħad irriżulta illi l-imputat m'għandux u qatt ma kellu liċenzja tas-sewqan.

2. Fis-seduta tas-7 ta' Novembru 2023 l-uffiċjal prosekutur esebixxa ukoll bil-ġurament tiegħu vera kopja ta' tlett sentenzi mogħtija fil-konfront tal-imputat. Ċirka minuta wara li l-Prosekuzzjoni għalqet il-provi tagħha hija ġibdet l-attenzjoni tal-Qorti illi bi żvista ma kienetx tellgħet lir-Reġistratur tal-Qorti sabiex jixhed dwar is-sentenzi appena esebiti u għalhekk talbet permess mill-Qorti sabiex titħalla tressaq din il-prova. F'dan ir-rigward il-Qorti qieset illi meta l-Prosekuzzjoni għamlet tali talba d-difiża kienet għadha anqas biss iddikjarat jekk l-imputat kienx ser jixhed u/jew itella' provi in difeża. Għalhekk qieset illi l-imputat ma kienx ser jiġi ppreġudikat jekk il-Prosekuzzjoni titħalla tressaq x-xhud indikat minnha apparti illi l-Qorti qieset ukoll illi kien hemm raġuni tajba ai termini tal-Art. 374(i) u l-Art. 375(c) tal-Kap. 9 sabiex tqassam xort' oħra l-ordni tas-smiegħ tal-kawża fis-sens illi tippermetti lill-Prosekuzzjoni tressaq il-prova tagħha wara d-dikjarazzjoni preċedenti tagħha illi kienet qed tagħlaq il-provi. Il-Qorti għalhekk ippermettiet lill-Prosekuzzjoni tressaq lir-Reġistratur tal-Qorti bħala xhud tagħha.

3. Fix-xhieda tagħha **Yesenia Maria Pace**, *Deputat Reġistratur*, xehdet illi fit-28 ta' Settembru 2021 ingħataw tlett sentenzi fil-konfront tal-imputat mill-Qorti tal-Maġistrati Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, kif presjeduta. Dawn is-sentenzi ma ġewx appellati:

    a. Sentenza **TRF-00148-2019-8**: F'din is-sentenza l-imputat instab ħati tal-akkużi kollha miġjuba kontrih ossia' tas-sewqan ta' vettura mingħajr liċenzja tas-sewqan bi ksur tal-Kap. 65 Art. 15(1)(a), tas-sewqan ta' vettura meta għall-użu ta' dik il-vettura minnu ma kienx hemm fis-seħħ polza tal-assigurazzjoni bi ksur tal-Kap. 104 Art 3(1), tan-nuqqas li jeżerċita l-kura u attenzjoni xierqa u li juri l-intenzjoni tiegħu b'sinjal li kien ser ibiddel id-direzzjoni tiegħu waqt is-sewqan bi ksur tal-Art. 75 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 65.11, tan-nuqqas li jilbes iċ-

ċinturin tas-sigurta waqt is-sewqan bi ksur tal-Art. 3 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 65.12 u tal-kummissjoni ta' *U-turn* waqt li kien qed isuq vettura bi ksur tal-Art. 2 (Skeda IIA A(b)) tal- Leġislazzjoni Sussidjarja 65.05. Huwa ġie kkundannat iħallas multa ta' € 2,450 pagabbli f'36 pagamenti mensili u ugwali u ġie skwalifikat milli ikollu jew jikseb liċenzja tas-sewqan għal perjodu ta' tnax-il-xahar u tmient ijiem. Sal-ġurnata tal-lum il-multa għadha ma ġietx imħallsa u fadal bilanċ ta' € 1,900.

b. Sentenza **TRF-00038-2019-3:** F'din is-sentenza l-imputat instab ħati tal-akkużi kollha miġjuba kontrih ossia' tas-sewqan ta' vettura mingħajr liċenzja tas-sewqan bi ksur tal-Kap. 65 Art. 15(1)(a), tas-sewqan ta' vettura meta għall-użu ta' dik il-vettura minnu ma kienx hemm fis-seħħ polza tal-assigurazzjoni bi ksur tal-Kap. 104 Art 3(1) u talli naqas milli jobdi l-ordnijiet leġittimi tal-Pulizija bi ksur tal-Kap. 9 Art. 338 EE. Huwa ġie kkundannat iħallas multa ta' € 2,400 pagabbli f'36 pagamenti mensili u ugwali u ġie skwalifikat milli ikollu jew jikseb liċenzja tas-sewqan għal perjodu ta' tnax-il-xahar u tmient ijiem. Sal-ġurnata tal-lum il-multa għadha ma ġietx imħallsa u fadal bilanċ ta' € 2,080.

c. Sentenza **TRF-00629-2018-4:** F'din is-sentenza l-imputat instab ħati tal-akkużi kollha miġjuba kontrih ossia' talli naqas milli jobdi l-ordnijiet leġittimi tal-Pulizija bi ksur tal-Kap. 9 Art. 338 EE, talli saq vettura b'mod traskurat u b'mod perikoluż bi ksur tal-Kap 65. Art 15(1)(a), talli saq vettura mingħajr liċenzja tas-sewqan bi ksur tal-Kap. 65 Art. 15(1)(a), talli saq vettura meta għall-użu ta' dik il-vettura minnu ma kienx hemm fis-seħħ polza tal-assigurazzjoni bi ksur tal-Kap. 104 Art 3(1) u talli waqt li kien qiegħed isuq vettura naqas milli jżomm fuq in-naħa tax-xellug tat-triq bi ksur tal-Art. 75 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 65.11. Huwa ġie kkundannat iħallas multa ta' € 2,930 pagabbli f'36 pagamenti mensili u ugwali u ġie skwalifikat milli ikollu jew jikseb liċenzja tas-sewqan għal perjodu ta' ħmistax-il xahar u tmient ijiem. Sal-ġurnata tal-lum il-multa għadha ma ġietx imħallsa u fadal bilanċ ta' € 2,505.

4. L-ewwel imputazzjoni, ossia s-sewqan ta' vettura mingħajr liċenzja tas-sewqan, tirriżulta ppruvata mix-xhieda fuq indikata.

5. It-tieni imputazzjoni, ossia s-sewqan ta' vettura meta kien skwalifikat milli żżomm jew jikseb liċenzja tas-sewqan, bis-saħħa tas-sentenzi tal-Qorti tal-Maġistrati Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-28 ta' Settembru 2021, ukoll tirriżulta ppruvata kemm mill-fedina penali u kemm mill-vera kopji tas-sentenzi li ġew esebiti.

6. It-tielet imputazzjoni, ossia l-addebitu tar-reċidiva, filwaqt li tirriżulta għal dak li għandu x'jaqsam l-Art. 49 tal-Kap. 9 fis-sens illi rriżulta illi l-imputat wettaq reat wara li kien diġà ġie kkundannat minn Qorti ta reati oħra fil-passat, madanakollu ma tirriżultax f'dak li għandu x'jaqsam l-Art. 50 tal-Kap. 9 billi l-pieni mogħtija fis-sentenzi ċitati kienu għadhom ma ġewx skontati fid-data tar-reati indikata fil-komparixxi.

7. Fir-rigward tal-piena l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni illi l-imputat mhux biss instab ħati diversi drabi fil-passat ta' sewqan ta' vettura mingħajr liċenzja tas-sewqan iżda inoltre illi l-imputat instab isuq f'perjodu meta l-Qorti kienet skwalifikatu milli jżomm jew jikseb liċenzja tas-sewqan.

**Deċiżjoni**

**Għar-raġunijiet msemmija wara li rat l-artikoli relevanti tal-liġi ossia' l-Art 15(1)(a) tal-Kap. 65 (sewqan mingħajr liċenzja tas-sewqan) u l-Art. 59 tal-Kap. 65, il-Qorti filwaqt li tillibera lill-imputat mit-tielet akkuża (fis-sens illi għalkemm issibu reċidiv ai termini tal-Art. 49 tal-Kap. 9 però issib li ma tistax timponi d-disposizzjonijiet tal-Art. 50 tal-Kap. 9), issibu ħati tal-ewwel żewġ imputazzjonijet u għalhekk tikkundannah jiskonta piena karċerarja ta' xahrejn. B'żieda mal-piena l-Qorti qegħda bl-applikazzjoni tal-Art. 15(3) tal-Kap. 65 tiskwalifika lill-imputat milli jkollu jew milli jikseb liċenzja tas-sewqan għal żmien tnax-il xahar.**

| | |
|---|---|
| **V.G. Axiak** | **Y.M. Pace** |
| **Maġistrat** | **Dep. Reġistratur** |